# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 3 FRAR, 1965

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Is-sena l-ġdida m'għadhiex magħna. Diġà xjieħet xahar. Wara li tajna x-xewqat tajba lil xulxin, issa jeħtieġ ilkoll naħdmu bħal aħwa fil-familja biex il-paċi ta' Ġesù ssaltan fil-familji tagħna, fil-parroċċa tagħna u f'artna.

Ħafna nies tismagħhom jgħidulek: "Kemm aħna mdejqin: kemm għandna slaleb, kemm inkwiet", u kliem bħal dan. Imma minflok dan il-kliem kemm ikun sewwa kieku wieħed xi darba jistaqsi lilu nnifsu: "Imma jiena qiegħed insallab lil xi ħadd? Jiena qiegħed ninkwieta lil xi ħadd? Hawn xi ħadd li jinsab imdejjaq minħabba fija?"

Dawn huma kollha mistoqsijiet li kulħadd għandu jagħmilhom lilu nnifsu, u jkollu l-kuraġġ li jwieġeb għalihom bis-sinċerità. Min jaf kemm nies ikollhom salib inqas u inkwiet inqas jekk inti tifhem li jekk tbiddel ħajtek jiswa lilek u jiswa lilhom.

Aħna qed ngħixu flimkien mhux biex kulħadd jiġbed lejh, imma biex ngħinu 'l xulxin u ngħixu kuntenti. Għalhekk Ġesù l-imħabba għamilha sinjal ta' l-insara, għax mingħajrha ma nistgħux la ngħidu li aħna u lanqas fil-fatt inkunu nsara.

Ħabib, kieku tipprova tgħix ftit aħjar u ġġib ruħek iżjed ta 'nies, kieku inti tkun hieni iżjed, tkun maħbub u stmat iżjed, u għajrek jgħix iżjed fil-paċi.

Insellmilkom u nberikkom.

IL-KAPPILLAN.

## X'SER IKOLLNA FI FRAR

F'dawn il-granet li ġejjin ikollna d-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes: 11, 18, 19, 20, 23, 24, 25, 26, 27, 28. Fil-għaxija, fis-6.30, quddiesa bil-pried-ka, u wara kurunella u Barka Sagramentali.

2 ta' Frar: Festa tal-Kandlora. Issir ukoll il-Vestizzjoni Solenni ta' dawk kollha li huma miktubin fil-Konfraternita tar-Rużarju. Il-funzjoni tibda fil-5.45 p.m.

Infakkru wkoll li mis-Sibt, 16 ta' Jannar, bdew il-15-il Sibt tal-Ma-donna tar-Rużarju. Kull nhar ta' Sibt, fis-6.15 p.m. jibda r-Rużarju u Qud-diesa bil-priedka.

## INTENZJONIJIET TAL-PAPA GHAL FRAR

i) sabiex id-digrieti tal-Konċilju Vatikan II jiġu mwettqa bl-akbar reqqa minn dawk kollha milqutin minnhom ħalli b'hekk isseħħ riforma sħi-ħa tal-ħajja nisranija;

ii) sabiex l-insara li għandhom pożizzjoni ta' responsabbiltà fil-ħajja pubblika jimxu dejjem fuq it-tagħlim ta' Kristu.

## FTIT STORJA . . .

## Nru. 2 — Tagħrif dwar il-pittura, il-vara u ħwejjeġ oħra

X'kien juri l-kwadru titulari meta nbniet il-knisja fl-1580 ħadd ma jaf — imma żgur li l-qaddis titulari kien dejjem San Ġiljan. Kemm hu hekk li r-raħal ħa l-isem mill-knisja u mhux il-kontra.

Dwar kif il-knisja ġiet imsejħa "Ta' Lapsi" hemm diversi fehmiet. Hemm min jgħid li n-nies kienu xebbhu l-kwadru ta' Anton Falzon (1805-1865) li juri t-"Tlugħ tal-Madonna" mat-Tlugħ fis-Sema ta' Kristu, jiġifieri "Lapsi" qiegħda għal Kristu u l-Madonna. (Din il-pittura tal-Madonna flimkien ma' San Pawl u San Ġiljan, ġiet mogħtija fl-1855 mit-Tabib Mikiel Parnis. Il-lum tinsab fis-sagristija). Fehma oħra (ta' Ferris) hija li l-knisja tlaqqmet hekk minn kwadru ta' Kristu tiela' s-Sema li jinsab fuq artal tal-ġenb. Iżda l-aħjar waħda hi dik li l-knisja ħadet dan il-laqam mill-għalqa li fuqha ġiet mibnija, billi fl-antik l-għelieqi kienu kollha mlaqqma.

Il-pitturi l-oħra ta' l-artali tal-ġnub ġew magħmula minn S. Barbara (dik ta' San Ġużepp fl-1894 u sena wara dik ta' Sant'Anna); u minn G. Cefai (dik tar-Rużarju fl-1896). Xejn ma hu magħruf dwar il-pittura ta' Kristu tiela' s-sema u dik ta' wara l-artal maġġur, it-titular.

Pittura oħra ta' siwi liema bħalu tinsab fis-sagristija, li hija kollha tas-sekli sbatax u tmintax, barra tal-Kappillani u xi oħrajn.

Fl-1909, is-saqaf ġie ddekorat minn C. Debono. C. Borg żejjen il-kappelluni fl-1949 u ftit wara, il-knisja ġiet miżbugħa minn ġewwa bl-inizjativa tal-mejjet Dun Anton Debono.

Il-vara ta' San Ġiljan, xogħol ta' C. Darmanin, hija rigal tas-Sur Mattei fl-1893. In-nies imbagħad għamlu l-pedistall (xogħol Tewma u Coleiro) li mbagħad ġie ndurat u saret bradella ġdida.

Kien il-Balliju Spinola li, wara li bena l-knisja tal-Kunċizzjoni, iddobba qanpiena tal-Forti Sant'Anġlu. Xi żmien wara, ix-"Xiħa", kif inhi mlaqqma din il-qanpiena li kienet daqqet f'Jum ir-Rebħa fuq it-Torok tat-8 Settembru, 1565, ġiet meħuda l-Knisja Parrokkjali. Sal-lum għadha ssejjaħ il-fidili ta' din il-parroċċa biex jaqdu dmirijiethom. J.S.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 25. | 12. | 64 | Noel Agius (baby), ta' 8, Spinola Road. |
| 2. | 1. | 65 | Emmanwele Spiteri (66 sena), ta' 4, Siġra Lane. |
| 4. | 1. | 65 | Marianna Buttigieg (58 sena), ta' 71, B'kara Hill. |
| 4. | 1. | 65 | Emmanuela Scicluna (75 sena), ta' 164, B'kara Road. |
| 13. | 1. | 65 | Emmanuel Bartolo (45 sena), ta' 90, St. George's Road. |
| 18. | 1. | 65 | Dolores Fabri (5 5sena), ta' 37, Spinola Road. |

FOR COMPLETE SATISFACTION
BE SURE TO USE
PASTA PORTELLI
*FOR YOUR SPECIAL DINNER*

## NIFIRHULHOM U NAWGURAWLHOM

26\. 12. 64 Paul Schembri minn tas-Sliema ma' Joanna Bonnici minn San Ġiljan.
27\. 12. 64 Henry George Calleja minn tas-Sliema ma' Catherine Mary Borg minn San Ġiljan.
2\. 1. 65 Vincent Grech minn Hal Lija ma' Mary Mifsud minn San Ġiljan.
3\. 1. 65 Drury Valentine John minn San Ġiljan ma' M. Magdalen Bajada minn San Ġiljan.
17\. 1. 65 Thomas White minn San Ġiljan ma' Maria Stella Stivala minn San Ġiljan.

## FTIT STATISTIKA

Matul is-sena 1964 f'San Ġiljan twieldu 156 tarbija, fosthom 85 subien u 71 bniet. L-ewwel tarbija ġiljaniża ta' din is-sena kienet Natalie Buhagiar, bint John u Doris Micallef, ta' 3, Siġra Lane, li twieldet fl-1 ta' Jannar fis-1.45 a.m. L-aħħar wieħed kien David Buttigieg bin John u Marija Vella ta' "Doris House", New Street, li twieled fit-30 ta' Diċembru, 1964.

Matul l-istess sena mietu 30 persuna, fosthom 4 trabi, 15 irġiel, u 11 nisa. Nitolbu għalihom biex dawk li għad m'humiex l-Ġenna il-Bambin jag-ħtihom il-grazzja tal-mistrieħ ta' dejjem.

Iżżewġu f'din l-istess sena fil-Parroċċa tagħna 28 koppja. Ġeneralment il-mara f'dawn iż-żweġijiet kienet minn San Ġiljan.

## KONKORS TA' PRESEPJI — RIŻULTAT

L-A.K. Ġuvintur (Ċirkolu "Sant'Antnin"), għandha pjaċir tħabbar ir-riżultati tal-konkors tal-presepji għal din is-sena:

L-Ewwel: Mr. Joseph Buttigieg, 33, Nursing Sister Str. Punti 92%.
It-Tieni: Hadd (livell mhux milħuq).
It-Tielet: Mr. Julian Cassar, 100, B'kara Hill. Punti 59%.

*Consolation Prizes:*

Ir-Raba: Miss Antonia Wismayer, 19, Grenfell Str. Punti 58%.
Il-Hames: Miss Marthese Caruana, 112/d, Main Str. Punti 53%.

Il-Ġurija kienet magħmula mir-Rev. Fr. Fortunato Axiak, Mr. Vincent Fenech, Mr. Bernard Scicluna.

JAMES J. SCICLUNA, *Chairman.*

## IL-FIERA TAL-MILIED

Din il-Fiera marret tajjeb. Il-profitti ġenerali kienu ta' £274. 16. 2. Il-Kappillan jirringrazzja minn qalbu lil dawk li għenu u lil dawk li ġew ħadu parti fil-logħob, li mingħajr il-kooperazzjoni tagħhom ma kenitx tinġabar din is-somma għall-Knisja l-Ġdida.

## L-ISTUDENTI TA' ST. MICHAEL'S COLLEGE

L-istudenti ta' St. Michael's College minn jeddhom ser jagħmlu xi attivitajiet b'risq il-bini tal-Knisja l-ġdida tagħna. Fosthom sejrin jagħmlu ġabra mid-djar tal-Parroċċa. Filwaqt li nirringrazzjawhom ta' dan kollu, nirringrazzjaw lilkom ukoll tal-għajnuna li ser tagħtuhom.

## IBAGHTULNA L-BOLLI UŻATI — GRAZZI.

## IL-KLARISSI — NIDHLU FIL-KLAWSURA

Fil-parroċċa tagħna għandna komunità ta' Klarissi. Din hija grazzja għal San Ġiljan u aħna għandna niżżu ħajr 'l Alla għaliha. Kienet l-Ewwel Gwerra Kbira li ġiebet hawn il-Klarissi. Kienu erbgħa u għoxrin meta waslu hawn Malta fl-10 ta' Diċembru, 1914, imkeċċijin mit-Torok mill-Monasteru ta' Nazzaret. Minn dawn tnejn baqgħu hawn, l-oħrajn reġgħu marru u bħal issa l-komunità tgħodd wieħed u tletin u m'hemmx ħlief erbgħa biss li m'humiex Maltin. Dawn is-sorijiet jgħixu ħajja moħbija; iżda aħna fid-deskrizzjoni ta' soru minnhom ser naraw kif jgħaddu l-ġurnata tagħhom dawn is-sorijiet.

Il-ġurnata tal-Klarissa hija mqassma hekk: seba' sigħat, bejn wieħed u ieħor, fil-kor; seba' sigħat mistrieħ (maqsum f'nofs il-lejl), u l-bqija xogħol, ikel u rikreazzjoni. Klarissa tibda l-jum tagħha f'nofs il-lejl nieqes kwart biex tinżel fil-kor għall-kant tal-Matutin. Fil-lejl tal-Ħamis sbieħ il-Ġimgħa tqum siegħa qabel għall-Ora Santa, mill-ħdax sa nofs il-lejl. Wara l-Uffizzju, orazzjoni mentali jew Via Crucis, sas-siegħa u nofs, u terġa' titla' tistrieħ fuq is-saqqu tat-tiben sal-ħamsa; tqum, tinħasel u tinżel fil-kor fil-ħamsa u nofs. Talb flimkien, kwarta meditazzjoni, Prima u Terza, Quddiesa u Benedizzjoni, nofs siegħa ringrazzjament, Vista flimkien b'dirgħajnha miftuħin bħal salib, u fit-tmienja neqsin kwart immorru r-refettorju nieħdu kolazzjon ħafif, te bil-ħalib u biċċa ħobż b'xejn. Kulħadd imur jagħmel ix-xogħol tiegħu sal-ħdax neqsin għaxra x'ħin il-qanpiena terġa' ssejjaħ il-komunità għall-Uffizzju, Sesta u Nona, eżami partikolari, sal-ħdax u nofs, x'ħin issir l-ikla prinċipali. Wara l-ħasil tal-platti, lettura ta' nofs siegħa, rikreazzjoni nofs siegħa oħra sas-sagħtejn, u kulħadd jerġa' jmur ikompli x-xogħol jew fil-ġnien jew band'oħra. Fl-erbgħa u kwart nerġgħu lejn il-kor għall-Uffizzju tal-Mejtin, imbagħad il-Madre Badessa tiftaħ it-tabernaklu u Ġesù Sagramentat jiġi espost fil-kor; Vespri, siegħa meditazzjoni, Rużarju sas-sitta. Fis-sitta u kwart l-ikla ta' filgħaxija, u fis-sebgħa Kompieta fil-kor, eżami, u fis-sebgħa u nofs noħorġu, tberik bl-ilma mbierek u fit-tmienja kulħadd għandu jsib ruħu fiċ-ċella.

Il-Ħdud, il-festi kollha, l-Ewwel Ġimgħat tax-xahar, l-Espożizzjoni tibda fid-disgħa u tibqa' sa l-erbgħa, u nagħmlu nofs siegħa tnejn tnejn quddiem Ġesù Sagramentat. Din hija l-ħajja tagħna, ħajja ta' apostolat moħbi, li d-dinja ma tifhmux għax is-sbuħija ta' din il-ħajja hija kollha minn ġewwa. Mother Janet Erskine Sturat R.C.J., tgħid hekk: "It is a life hard to accept, difficult to put into words with any due proportion to its value, but good and beautiful to know and surely, rich in the sight of God".

## RIŻULTATI TAL-LOTTERIJI TAL-BAMBINI (b'risq l-A.K. Ġuv.)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | 11. | 64 | Numru 58 (Q) — Miss M. Mifsud, B'kara Hill. |
| 21. | 12. | 64 | Numru 44 (D) — Familja Tanti (Mensija Street). |
| 12. | 12. | 64 | Numru 20 (R) — Miss A. Mallia (B'kara Hill). |
| 19. | 12. | 64 | Numru 17 (T) — Familja Busuttil, St. Elija Street. |

## LEZZJONIJIET TAL-ĦJATA

Fiċ-Ċentru tal-Kongregazzjoni Marjana tal-Parroċċa tagħna, 15, St. Angelo Street, ser jingħataw lezzjonijiet tal-ħjata kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis, mill-5.45 p.m. sas-7.15 p.m. Jistgħu jattendu biss xebbiet ta' mhux inqas minn 14-il sena. Ħlas: 8/- fix-xahar.

Min irid japplika jkellem lill-Presidenta tal-Kong. Marjana, li tkun fil-post ta' hawn fuq, kuljum filgħodu barra s-Sibt u l-Ħadd.